MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru 1116/2008

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Rosanne Galea
John David Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniji kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 223166(M) u 115367(M) rispettivament, akkuzati li f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Settembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, in rappresentanza tas-socjeta' 'Future Focus Limited', sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda komprizi l-imputati;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li jikkaratterizzaw din il-kawza huma: l-imputati ghandhom socjeta’ , il-‘Future Focus Limited’ kostitwita fis-sena 2000 li tipprovdi tahrig fl-informatika fost suggetti ohra. Dan taghmlu principalment, anke jekk mhux esklusivament, minn fond f’Triq il-Maggazini, Floriana, fejn ghandha allestita skola ghal dan il-ghan. Hija akkreditata ma’ numru ta’ istituzzjonijiet rinomati fl-esteru bhal, per ezempju, ‘Cambridge College’. Intant, il-kaz odjern jittratta tahrig li l-imputati, permezz tas-socjeta’ taghhom, obbligaw u ntrabtu li jipprovdu tahrig fl-informatika permezz ta’ korsijiet ghal Malta College for Arts, Science and Technology (MCAST), istitut akkademiku governattiv. Tal-ahhar minhabba d-domanda qawwija ghal dan is-suggett, ma kinitx ser tlahhaq biex takkomoda wahedha l-istudenti kollha li kienu ser jintraprendu dan il-kors. Ghalhekk harget talba lill-istutuzzjonijiet edukattivi privati sabiex joffru, taht is-supervizjoni taghha, s-servizzi taghhom. Fost l-offerenti kien hemm s-socjeta’ tal-konvenuti li ta’ min jghid kienet gia’ fis-sena precedenti provdiet dan it-tahrig f’isem l-MCAST. Hargu ‘tenders’ ghal dan il-fini u n-segwitu l-Pulizija giet mitluba tinvestiga l-metodu tal-ipprocessar taghhom minhabba allegati irregolaritajiet, senjatament, fil-konfront tas-socjeta’ tal-imputati, li ghamlet dikjarazzjonijiet foloz dwar li l-fond taghhom kien jipprovdi accessibilita’ lil persuni b’dizabilita’. Jirrizulta li l-imputati kienu dahlu offerta ghal tnejn mit-tlett ‘tenders’ li kienu nhargu, li kienu entrambi accettati. Fl-atti tal-process hemm d-dokumenti -‘tenders’ specifikanti r-rekwiziti u d-dikjarazzjoniet moghtija mill-imputati u wkoll l-evalwar taghhom – b’referenza l-offerti mahruga b’referenza CT 2401/2008 u CT 2402/2008.

Intant, hu fil-konfront tal-accessibilita' ghall-persuni b'disabilita' li l-imputati kienu iddikjaraw li l-fond minnhom offrut kien kompatibbli, li nhargu l-akkuzi kontrihom. Tali jimputaw lill-imputati bir-reat li ghamlu dikjarazzjoni falza jew taw taghrif falz lil awtorita' pubblika taht l-Artiklu 188 tal-Kap 9. Dan jipprovdi hekk:
"Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jghati taghrif falz, jehel meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew il-multa".

Jinghad car li l-Qorti mhiex kjamata, u fil-fatt lanqas mhi l-mansjoni taghha, anzi gurisdizzjonalment hi preklusa, li tissindika l-operat ta' il-kif u l-kome gew processati u elvalwati t-'tenders' u hi biss l-imputazzjoni li tikkoncernaha u li hi kompressa fuq li iddikjaraw l-imputati li l-fond minnhom offert kien accessibbli ghall-persuni b'disabilita' meta, skond il-prosekuzzjoni ma kienx b'daqstant li l-imputati iddikjaraw il-falz lill-awtorita' pubblika, li fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju kellha din il-figura ta' awtorita' pubblika. Fil-fatt f'entrambi d-'tender documents' (dok.ti FA1 u FA2) li riedu jigu sottomessi sal-11 ta' Settembru 2008 l-imputati kienu stqarrew li "Premises are accessible for persons with disabilities" filwaqt li fis-sejha ghall-offerti mahruga mid-Departiment tal-Kuntratti fl-ahhar ta' Awissu ta' dik is-sena (dok.FA3) taht l-intestatura "Selection Critera" hu indikat "Premises that are accessibile for persons with disabilities" li hija allura indikattiva tal-fatt li din rigwardanti d-disabilita' kienet kundizzjoni 'sine qua non' fl-egibilta' tal-offerent li jikkwalifika ghat-tender. Sa hawnhekk il-posizzjoni tidher li hi kristallizzata.

Jirrizulta mill-atti li zewg Periti Arkitetti (vide folio 403 u 414), ta' l-ewwel nominat mill-Qorti u t-tieni nominat mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Disabilita', kienu it-tnejn tal-opinjoni li l-fond ta' Triq il-Magazzini, tal-Floriana, ma kienx jissodisfa l-kriterji dwar l-accessibilita', skond il-linji gwida diramati mill-Kummissjoni. Fir-rapporti taghhom

entrambi l-Periti jindividwaw nuqqas ta’ accessibilita’ ghall-fatt li r-rampa ta’ barra mhiex konformi mal-linji gwida tal-KNPD u wkoll li l-bibien tal-facilitajiet sanitarji (toilets) kienu tal-wiesgha li ma kienux jippermettu siggu bir-roti (‘wheelchair’) li jaccedi ghal l-intern tal-istess facilitajiet. Fir-rapport ‘ex parte’ dak kommissjonat mill-KNPD tissemma wkoll in-nuqqas ta’ lift ghalkemm iz-zewg rapporti jsemmu l-esistenza ta’ ‘mobile stair climber’. Intant, jirrizulta li r-rapporti jgibu rispettivament id-dati tal-5 ta’ April u l-25 ta’ Marzu 2009. Jirrizulta wkoll: li l-offerta ghat-tender, fiz-zewg istanzi, kienet taghlaq fil-11 ta’ Settembru 2008; li l-imputati f’isem s-socjeta’ taghhom kienu ikkompetew fiz-zewg tenders entro it-termini tal-gheluq; li s-sottomissjoni taghhom fiz-zewg tenders giet accettata; u, li finalment gie iffirmat l-kuntratt finali fl-10 ta’ Dicembru ta’ dik l-istess sena (2008).

Minn dak li ntqal s’issa il-kontenzjoni tohrog cara: l-prosekuzzjoni issostni li billi l-fond ta’ Triq Maggazini ma kienx accessibbli ghal nies disabbli fil-mument meta l-imputati issottoskrivew ghat-tender, id-dikjarazzjoni taghhom li l-fond kien accessibbli ghat-tali fil-mument li tefghu l-offerti, kienet wahda falza fit-termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9; da parti taghha id-difiza tirribatti li l-accessibilita’ kellha tkun sodisfatta fid-data tal-iffirmar tal-kuntratt mehud in-konsiderazzjoni l-‘mobilization period’ inserit fil-kuntratt, liema perijodu, stabbilit ta’ hames t’ijiem, gie mfisser bhala “l’avviz bil-quddiem ghal minn jiehu t-tender biex ilesti ruhu li jaghmel dak kollu li ikun weighed fl-offerta”.

Fuq daqshekk il-Qorti tafferma: li s-sejha biex jigu provduti s-servizzi ta’ tahrig, rikjest fit-tender, kien jispecifika biss li l-fond kellhu ikun accessibbli ghal-persuni b’disabilita’ u li mkien ma’ giet marbuta din ta’ l’accessibilita’ ma’ xi kriterji specifici; li l-fond’ dikjarat li kien wiehed antik gia’ fl-istadju meta ntefghu l-offerti, sarulu, fil-limiti konsentiti, modifikazzjonijiet u amiljoramenti li, fil-fehma tal-Qorti, irrendewh accessibbli ghall-persuni disabbli, veru mhux proprjament konformi ghal kollox mall-kriterji rakkomandati mill-KNPD, li pero’ ma kienx impost bhala rekwizit. Tabilhaqq hemm gradi

varji ta' disabilita' u ma saret ebda riferenza fir-rigward. Effettivament l-fond setgha jintlahhaq f'kull parti minnu, hlief ghall-facilitajiet sanitarji permezz tas-siggu bir-roti, li skont il-Qorti kien allura jinnecessita' mhux biss l-effettiv access ghall-gewwa izda wkoll facilitajiet sanitarji appositi li fl-ebda parti tad-dokument tat-tender ma gie impost.

In konsegwenza ta' dan il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjoniet espressi fiz-zewg rapport peritali, izda mhux biss billi hi tal-fehma li l-kundizzjoni tal-accessibilita' kellha tezisti sad-data tal-iffirmar tal-kuntratt (mittiehed in konsiderazzjoni l-'mobilization period') u d-dikjarazzjoni relattiva tal-imputati ghandha tittiehed f'dan is-sens. Madanakollu, din hi kawza kriminali hu jekk ghall-grazzja tal-argument, hemm l-'actus', il-'mens' m'ghandux jirrizulta.

Ghaldaqstant, mhux qed issib htija fl-imputati b'hekk li qeghdha tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------